# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 29 t' Ottubru, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Chantelle Casha)**

**vs**

**Redeemer Camilleri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Redeemer Camilleri detentur tal-karta tal-identita bin-numru 366199M, akkuzat talli fid-9 ta' Jannar 2018 u fiz-zminijiet ta' qabel, f' dawn il-gzejjer b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Xjentement gieghel ghal skopijiet sesswali, persuna ta' that l-eta' sabiex tippartecipa f' imgieba esplicitament sesswali vera jew simulata jew wiri ta' organi sesswali, inkluz permezz ta' teknologija ta' informazzjoni u komunikazzjoni

2. Ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti ta' persuni ta' taht l-eta` jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew ghal haddiehor, jew wera dak il-materjal indecenti;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, akkwista, xjentement akkwista access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil-pussess tieghu, xi materjal indecenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirrapprezenta xi persuna ta' taht l-età;

4. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, ghen, assista jew gieghel li jsir xi reat taht l-artikoli 208A sa 208AB, it-tnejn inkluzi;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuna ohra u b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna, u dan ghad-detriment tal-minuri omississ

6. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamlet uzu iehor mhux xieraq bih;

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmija minuri omississ, u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata waqt l-udjenza ta' nhar il-11 t' Ottubru, 2019 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li

kkopera fl-kors tal-investigazzjoni u l-eta' tieghu fiz-zmien li kkommetta r-reati li taghhom ser jinstab hati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 204D(1)(c), 208A(1), 208A(1B), 208C u 251A tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 49(c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Art. 7 tal-Kap. 446 tpoggih taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali l-Qorti tpoggi lill-imputat taht l-Ordni ta' Trattament ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum taht il-kura tal-psikologu Kevin Sammut Henwood u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri l-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**